# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 15 ta' Marzu tas-sena 2001.**

**Numru   29**

**Avviz  numru      999/98/SM**

**Roberta Muscat**

**vs**

**Michael Cutajar**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-13 ta' Marzu ta' l-1998 li permezz tieghu l-attrici Roberta Muscat sejhet quddiem din il-qorti lill-konvenut Michael Cutajar sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Jizgombra mill-ghalqa jew parti minnha li taghmel parti integrali mill-fond bin-numru dsatax (19) li jinsab f'Bidni Road, Marsascala, proprjeta' ta' l-attrici kif minnha akkwistata permezz ta' kuntratt pubbliku maghmul u moqri minn Nutar Dott. John Spiteri fil-5 ta' Ottubru 1996, u dan stante illi qieghed tokkupa**

l-istess art/ghalqa minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

2. Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Illi ghall-fini ta' kompetenza jigi dikjarat illi l-valur lokatizju ma jeccediex l-erba' mitt Lira Maltin (LM400);

Rat l-eccezzjonijiet datati t-28 ta' Mejju ta' l-1998 li permezz taghhom il-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi huwa ghandu titolu validu fil-ligi ta' kera, ghall-fond, razzett, minnu okkupat f'numri 18, 20 u 21 fi Triq il-Bidni, f'Marsaskala, b'tomna raba' mieghu;

2. Illi dan it-titolu jirrizulta minn skrittura privata, bix-xhieda ta' u fl-atti tan-nutar Carmelo Lia tat-23 t'Awissu, 1975;

3. Illu huwa ghandu l-pussess u t-titolu legali ghal kull parti mir-raba li huwa qed jokkupa;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. illi permezz ta' kuntratt in atti tan-nutar Dottor John Spiteri datat il-5 t'Ottubru ta' l-1996 l-attrici xtrat il-fond numru 19, Bidni Road, Marsascala,

**Zabbar, "…including the adjoining land having a superficial area of approximately one thousand one hundred and twenty-four square meters (1124 s.m.)", (ara fol 36);**

2. **Illi s-suespost gie ikkonfermat mid-deposizzjoni guramentata ta' William Xuereb, il-proprjetarju tal-fond in dizamina;**

3. **Illi r-raba' mertu ta' din il-procedura jirrizulta li dejjem kien jifforma parti integrali mill-fond de quo, kif tikkonferma wkoll Cettina Dalli, (ara fol 45), u mis-survey tal-parti in dizamina, (ara fol 58);**

**Ikkonsidrat:**

**Illi din il-qorti hi sodisfatta li l-ghalqa de quo hi formanti parti mill-fond numru 19, Bidni Road, Marsascala/Zabbar, li permezz tal-kuntrat indikat aktar qabel ghaddiet f'idejn l-attrici "with free and vacant possession", (ara fol 37);**

**Ghaldaqstant din il-qorti tilqa' t-talbiet attrici u tordna lill-konvenut Michael Cutajar jizgombra mill-ghalqa meritu ta' din il-procedura fil-fond 19, Bidni Road, Marsascala, Zabbar u dan fi zmien xahar millum, bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**